DEĊIŻJONI (UE) 2021/920 TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tat-2 ta' Ġunju 2021

li taħtar tliet Imħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' erbatax-il Imħallef u sitt Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja ser jiskadu fis-6 ta' Ottubru 2021.

(2) Jenħtieġ li jkun hemm ħatriet biex jimtlew dawn il-karigi għall-perijodu li jibda mis-7 ta' Ottubru 2021 u li jiskadi fis-6 ta' Ottubru 2027.

(3) Is-Sur Siniša RODIN ġie propost għal din il-kariga bil-ħsieb li jiġi mġedded il-mandat tiegħu bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja.

(4) Is-Sur François BILTGEN ġie propost għal din il-kariga bil-ħsieb li jiġi mġedded il-mandat tiegħu bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja.

(5) Is-Sur Zoltán CSEHI ġie propost għall-ewwel mandat tiegħu bħala Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja.

(6) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità ta' dawn il-kandidati għall-qadi tal-funzjonijiet ta' Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2021 sas-6 ta' Ottubru 2027:

— Is-Sur Siniša RODIN,

— Is-Sur François BILTGEN,

— Is-Sur Zoltán CSEHI.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2021.

Il-President
N. BRITO